MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 616/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Charles Cutajar**
**Leandross Cutajar**

Kumpilazzjoni Numru 616/2008

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Charles Cutajar** ta’ 45 sena, iben Dominic u Odette nee’ Giacosa, imwieled Cospicua fit-18 ta’ Mejju, 1963, residenti minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 275063M.

**Leandross Cutajar** ta' 23 sena, iben Carmelo u Alfreda nee' Bonett, imwieled Pieta fid-29 ta' Lulju, 1984, residenti fl-indirizz: 82 Triq Abram Gatt, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 389684M.

Akkuzati talli:

1) Talli fis-7 ta' Gunju, 2008, ghal-habta tat-3pm, gewwa l-Mc Sims Pastizzeria Fi Triq Ghajn Dwieli Paola, ikkommettew serq ta' flus u/jew oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disa' w ghoxrin Euro u seba u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Fabrizio Borg u/jew ta' persuni ohra;
2) U aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Clinton Borg u ill Steve Scicluna kontra l-volonta' taghhom;
3) Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom arma tan-nar arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4) Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, heddew bil-fomm lill-istess Clinton Borg, b' delitt, dejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;
5) Kif ukoll talli fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Mejju, 2008, mill-akwata tal-venda ta' Bormla, ikkommettew serq ta' vettura, Peugeot 206, numru tar-registrazzjoni BET111, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Bertille Lungaro Mifsud u/jew ohrajn;
6) Aktar, talli fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Marzu, 2008, u/jew fil-jiem ta' wara f' Bormla u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, saqu vettura Peugeot 206, numru tar-registrazzjoni BET111, minghajr ma kienu koperti b' polza t' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

7) Ukoll, talli fil-24 ta' Mejju, 2008 u/jew wara din id-data, f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa , u cioe' vettura Peugeot 206, numru tar-registrazzjoni BET111, jew xjentement, b' kull mod li jkun, ndahlu biex ibieghu jew imexxu l-imsemmija vettura;
8) Nakkuzahom ukoll talli rrendew rwiehom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

**Finalment, lill-Leandross Cutajar wahdu, nakkuzah ukoll:**

9) Talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini ta' l-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 22 ta' Mejju, 2006 u
10) Iktar, talli kiser il-provediment ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu permezz ta' sentenza datata 21 ta' Gunju, 2007 fejn l-istess Leandross Cutajar kien misjub hati ta' ghadd ta' reati fosthom serq u hsara volontarju, u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Fil-konfornt ta' Charles Cutajar kif mahsub f'l-artikoli:
1) 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 264(1), 267, 275, 277(b), 278(3), 279(a), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) 3(a), 5(1), 41, 51, 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 271(g), 275, 277(b), 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
9) 17, 23, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta'l-imputat Leaondros Cutajar kif mahsub f'l-artikoli:
1) 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 264(1), 267, 275, 277(b), 278(3), 279(a), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) 3(a), 5(1), 41, 51, 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 271(g), 275, 277(b), 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9) 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta relattivament ghal dak mahsub f'l-artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10) 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u
11) 17, 23, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Mejju 2008 insterqet il-vettura ta' tip Peugot 206, bin-numru ta' registrazzjoni BET 111. Din il-vettura li hija propjeta ta' certu Bertille Lungaro Mifsud thalliet ipparkjata u msakkra

l-Birgu fi Triq Pawlu Boffa. Din il-vettura kellha valur ta' €7,920 u l-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri persuni ta' 'l fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Illi fis-7 ta' Gunju 2008 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar sehhet hold-up fil-pastizzerija b'l-isem McSims fi Triq Ghajn Dwieli Paola. Din il-pastizzerija hija ta' Fabrizio Borg pero ikun hemm bhala lavrant huh Clint Borg; fil-hin tal-hold-up kien hemm persuna ohra fil-hanut, certu Steve Scicluna. Gara li Clint Borg u Steve Scicluna kienu fuq l-ghatba tal-hanut u nnutaw il-vettura fuq imsemmija pparkjata ftit 'l isfel fit-triq; fiha kien hemm zewg persuni. Wara xi hin din il-vettura nstaqet b'certu velocita lejn il-hanut, l-ewwel hareg il-passiggier li kellu wiccu mghammad b'tights skuri u arma tan-nar f'idejh; huwa ordna lil Borg u lil Scicluna biex jidhlu fil-hanut u biex joqghodu ma'l-art fil-waqt li hu ukoll dahal fil-hanut u ha il-kexxun mill-cash register u bott li fih kienu jintefaw donazzjonijiet ghall-Eden Foundation. Sadattant dahal is-sewwieq tal-vettura li pero ma qal xejn fil-prezenza ta' Borg u Scicluna. Meta z-zewg hallelin hadu li riedu telqu u harbu fil-vettura fuq imsemmija. B'kollox nsteraq l-ammont ta' €465.80 u giet ikkawzata hsara ta' €80 ghad-dannu ta' Raymond Borg.

Illi d-deskrizzjoni fizika (tul, hxuna ecc) li taw Borg u Scicluna taz-zewg persuni li wettqu l-hold-up taqbel ma' dik taz-zewg imputati. In oltre Clint Borg gharaf lill-imputat Charles Cutajar bhala dak li kien il-passiggier fil-vettura u li kellu l-arma f'idejh; huwa gharfu f'tlett settijiet ta' ritratti li urewh il-pulizija dak in-nhar tal-hold-up kif ukoll personalment f'l-awla waqt is-smiegh tal-kawza. Ta' min wiehed jghid li Borg ma kellu l-ebda dubbju li Charles Cutajar kien il-persuna li ra waqt il-hold-up.

Illi l-vettura instabet ftit tal-hin wara f'Bormla; fiha kien hemm lighter, tlett containers tal-yogurt u tights. Meta l-vettura giet spezzjonata minn sidha Bertille Lungaro Mifsud hija kkonfermat li dawn l-oggetti ma kienux taghha; hija qalet ukoll li l-vettura kien fiha xi hsarat li ma kienux hemm qabel ma nsterqet.

Illi mill-ezami forensici li saru jirrizulta li minn fuq il-bonnet tal-vettura BET 111 gew elevati zewg impronti digitali li huma ta' Leandros Cutajar; jirrizulta ukoll li l-profil genetiku (DNA) li hareg mill-kampjuni mehuda mit-tlett containers tal-yogurt jaqbel mal-profil genetiku (DNA) ta' Leandros Cutajar.

Illi Charles Cutajar u Leandros Cutajar (li ma jirrizultax li huma mparentati) instabu mill-pulizija flimkien dak in-nhar stess tal-hold-up cioe fis-7 ta' Gunju 2008 fir-residenza ta' Leandros Cutajar.

Illi jirrizulta ukoll li l-ebda wiehed mill-imputat m'ghandu licenzja ghaz-zammha jew garr ta' armi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati huma dawk ta'

1) Serq aggravat bil-vjolenza mezz u valur (li ma jeccediex €2,329.37) dan b'referenza ghall-incident li sehh fis-7 ta' Gunju 2008 fil-fond McSims Pastizzerija;
2) Sekwestru ta' persuna aggravat b'offieza fuq il-persuna jew theddied ta' mewt u aggravat ukoll bil-hsieb ta'l-estorsjoni ta' flus;
3) L-akkwist, pussess jew zammha ta' arma indikata f'l-ewwel skeda tal-Kapitolu 480, pussess jew zammha ta arma indikata fit-tieni skeda tal-Kapitolu 480, li naqsu li jirrappurtaw l-akkwist ta' arma meta ma kellhomx licenzja, u li kellhom arma waqt li kkommettew serq;
4) Theddied fil-konfront ta' Clint Borg;
5) Serq aggravat bil-mezz, valur (li jeccedi €2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga dan b'referenza ghas-serq tal-vettura BET 111;
6) Sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni;
7) Ricettazzjoni;
8) Recidiva.

Illi inoltre Leandros Cutajar huwa akkuzat ukoll li wettaq dawn ir-reati f'perjodu ta' sentenza sospieza u waqt perjodu ta' probation.

Illi m’hemmx dubbju li fis-7 ta’ Gunju 2008 sehhet hold-up fil-hanaut McSims minn zewg persuni li wiehed minnhom kellu arma f’idejh u li fil-kors ta’ din il-hold-up insteraq l-ammont ta’ €465.80. Lanqas m’hemm dubbju li waqt din il-hold up gie uzat kliem ta’ theddied inkluz theddied bil-mewt fil-konfront ta’ Clint Borg u li dan Borg u Steve Scicluna inzammu kontra l-volonta taghhom.

Illi mill-assjem tal-provi, u mid-depozizzjoni ta’ Clint Borg b’mod partikolari, lanqas m’hemm dubbju li Charles Cutajar kien wiehed mill-persuni li wettaq din il-hold-up stante li Clint Borg gharfu definittivament.

Illi hadd ma’ gharaf lil Leandros Cutajar pero, tenut kont tad-deskrizzjoni fizika li nghatat tat-tieni persuna involuta, tenut kont tal-fatt li fuq il-vettura li ntuzat fil-hold-up kien hemm l-impronti digitali tieghu u f’uhud mill-oggetti li nstabu f’din l-istess vettura gew elevati kampjuni li kellhom il-profil genetiku (DNA) tieghu, tenut kont tal-fatt li z-zewg imputati nstabu ftit tal-hin wara l-hold-up flimkien, fir-residenza tieghu (cioe ta’ Leandros Cutajar), il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li dawn il-provi indizzjarji jistghu iwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss u cioe li t-tieni persuna involuta fil-hold-up kien l-imputat Leandros Cutajar.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet indikati f’l-ewwel, fit-tieni, u fir-raba paragrafi tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali gew sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar l-imputazzjonijiet indikati fit-tielet paragrafu ghalkemm l-Qorti m’ghandhiex dubbju li waqt it-twettieq tal-hold-up l-imputati kellhom fil-pussess taghhom arma li ghaliha ma kellhomx licenzja, mill-provi prodotti ma jistax jigi determinat jekk din l-arma hija wahda minn dawk elenkati f’l-ewwel u/jew fit-tieni skeda tal-Kaptilou 480 tal-Ligijiet ta’ Malta. Konsegwentement l-imputati jistghu jinstabu hatja biss tar-reati kontemplati f’l-artikoli 41 u 55(a) tal-Kapitolu 480 u mhux tar-reati kontemplati f’l-artikolu 3(a) u 5(1) ukoll.

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BET 111 insterqet u li din kienet fil-pussess taz-zewg imputati ghal liema pussess huma ma taw l-ebda spjegazzjoni. Ma ngabet l-ebda prova pero li b'xi mod tista' torbot liz-zewg imputati jew min minnhom mas-serq ta' din il-vettura. Konsegwentement l-imputati mhux qed jinstabu hatja ta'l-imputazzjonijiet indikati fil-hames paragrafu tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali pero qed jinstabu hatja tar-reat indikat fis-sebgha paragrafu u cioe ricettazzjoni ta' oggett gej min serq aggravat bil-valur li jeccedi €2329.37.

Illi s-sitt imputazzjoni migjuba kontra z-zewg imputati hija ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni.

Illi jirrizulta mill-atti li l-polza relattiva kienet tkopri sewwieqa li ghandhom almenu hamsa u ghoxrin sena. Jirrizulta li Charles Cutajar ghandu aktar minn hekk fil-waqt li Leandros Cutajar ghandu anqas (huwa kellu 23 sena). In oltre ghalkemm il-vettura kienet fil-pussess taz-zewg imputati l-unika prova ta' sewqan hija dik relattiva ghas-7 ta' Gunju 2008; minn dak suesopst jirrizulta li f'dik id-data Charels Cutajar kien passiggier fil-waqt li Leandros Cutajar kien qed isuq. Konsegwentement din l-imputazzjoni giet pruvata fil-konfront ta' dan l-imputat biss.

Illi fil-kors tal-proceduri gew prezentati diversi sentenzi mghotija fil-konfront taz-zewg imputati li minnhom l-addebietu tar-recidieva jirrizulta ai fini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta'l-imputat Charles Cutajar u jirrizulta ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 fil-konfront ta'l-imputat Leandros Cutajar. Gew prezentati zewg sentenzi fil-konfront ta' Leandros Cutajar, wahda sentenza sospieza dwar falsifikazzjoni ta' flus u ohra ta' probation dwar serq; din  it-tieni sentenza imsemmija ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' recidieva ghaliex ma tikostitwiex kundanna ghalhekk ma ngabitx prova ta' kundanna precedenti ta' serq ai fini ta'l-artikolu 289.

Illi fil-konfront ta'l-imputat Leandros Cutajar ingiebu zewg imputazzjonijiet ohra u cioe t-twettieq ta' reati waqt il-

perjodu ta' sentenza sospieza u l-ksur ta' ordni ta' probation. Illi r-reati mertu tal-proceduri odjerni sehhew f'Mejju u Gunju 2008; Cutajar gie ikkundannat sentejn habs sospiezi ghal erbgha snin fit-22 ta' Mejju 2006 u tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin fil-21 ta' Gunju 2007 ghalhekk dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet huma pruvati ukoll.

Illi dwar il-piena li ghandha tinghata hemm diversi fatti x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta' xejn l-ewwel konsiderazzjoni ghandha tkun in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati. Fattur iehor huwa l-fedina penali taz-zewg imputati; dik ta' Charles Cutajar hijia wahda refrettarja ghall-ahhar fil-waqt li dik ta' Leandros Cutajar ghalkemm mhux daqshekk gravi hija ukoll allarmanti. Fil-fatt iz-zewg imputati nghataw diversi okkazzjonijiet biex jirriformaw izda jidher bic-car li ghazlu li ma jiehdux  dawn l-opportunitajiet; fil-kaz ta' Charles Cutajar lanqas diversi perjodi ta' inkarcerazzjoni ma servew ta' deterrent.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja fil-konfront taz-zewg imputati ghal perjodu li jiehu in konsiderazzjoni r-reati li taghhom kull wiehed minnhom qed jinstab hati u li jiehu  in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'kull wiehed minnhom. Fil-konfront ta'l-imputat Leandros  Cutajar l-Qorti qed taghzel li ddahhal fis-sehh il-perjodu ta' sentejn prigunerija mposti permezz tas-sentenza tat-22 ta' Mejju 2006 pero fic-cirkostanzi taghzel li ma titrattax ma' dan l-imputat ghar-reati li dwarhom tpoggha taht probation fil-21 ta' Gunju 2007.

Ghal dawn il-motivi

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Charles Cutajar** hati ta'l-imputazzjonijiet indikati fit-tielet paragrafu in kwantu jirrieferu ghar-reati prospettati taht l-artikoli 3(a) u 5(1) tal-Kapitolu 480, u l-imputazzjonijiet indikati fis-sitt paragrafu tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali u tilliberah minnhom, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjonijiet indikati fil-hames

paragrafu stante li dawn huma alternattivi ghall-imputazzjoni indikata fiis-sebgha paragrafu, wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 264(1), 267, 249(2), 289 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 41, 51 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **erbgha snin prigunerija**.

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Leandros Cutajar** hati ta'l-imputazzjonijiet indikati fit-tielet paragrafu inkwantu jirrieferu ghar-reati prospettati taht l-artikoli 3(a) u 5(1) tal-Kapitolu 480 u tilliberah minnhom, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjonijiet indikati fil-hames paragrafu stante li dawn huma alternattivi ghall-imputazzjoni indikata fiis-sebgha paragrafu, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 264(1), 267, 249(2), u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 41, 51 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tlett snin prigunerija.** In oltre fil-waqt li tirreferi ghas-sentenza datata 22 ta' Mejju 2006 b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed idahhal fis-sehh il-perjodu ta' **sentejn prigunerija** imposti permezz ta' din l-imsemmija sentenza. Il-Qorti taghzel li ma titrattax ma l-imputat Leandros Cutajar ghar-reati li taghhom instab hati u tpogga taht probation permezz tas-sentenza tal-21 ta' Gunju 2006. L-imputat Leandros Cutajar huwa in oltre skawlifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena li ghandu jibda jiddekorri minn meta jiskonta l-perjodi ta' inkarcerazzjoni hawn fuq indikati.

In konkluzzjoni l-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 qed tiskwalifika liz-zewg imputati milli jkollhom kwalunkwe licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lil kull wiehed mill-imputati biex fi zmien sena jhallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-

somma ta’ €1563.89 rapprezentanti (nofs kull wiehed ta’) l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------